MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 231/2013

**Elmo Insurance Limited [C-3500]**

**Vs**

**Dunstan Williams f'ismu stess u ghan-nom ta' MLT Int Property Holdings Limited**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti minnha mressqa fis-16 ta' April, 2013** u li permezz taghha talbet lill-intimati jhallsuha s-somma ta' erba' mija u euro u hamsa u disghin ċenteżmi ta' euro [€401.95c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"1. Dunstan Williams proprio et nomine kellu kolliżjoni bil-vettura tieghu GBF-761 ma vettura ohra JON-165 proprjeta ta' Anthony Aquilina misjuqa minn Madlien Aquilina u assikurata ma' GasanMamo Insurance Limited.

2. L-assikurazzjoni ta’ Dunstan Williams proprio et nomine cioe Elmo Insurance Limited ghamlet ftehim ma GasanMamo Insurance Limited biex jirriferu l-kollizzjoni ghal Arbitragg Volontarju. Williams ma riedx jiffirma l-ftehim. Sar arbitrarbitraġġtarju u Williams baqa kontumaci (Dok A).

3. Elmo Insurance Limited, ir-rikorrenti, qabel l-arbitragg mandatarju kienet avżat lil Dunstan Williams proprio et nomine b’ittra uffiċjali tas-26 ta’ Jannar 2011 li ma kienitx ser tkun responsabbli ghall-ispejjes legali tal-Arbitragg Mandatarju (Dok. B).

4. In segwitu fit-30 ta’ Mejju 2011 inghatat id-decizjoni tal-Aritragg fejn William gie misjub responsabbli unikament ghall-imsemmija kollizzjoni u gie kkundannat ihallas is-somma komplessiva ta’ disa mija tnejn u hamsin euro tnejn u sebghin ċenteżmi (952.72 euros) rappreżentanti danni kif ukoll l-ispejjes kollha tal-imsemmija proċeduri kif ukoll l-imghax (Dok. C).

5. Elmo Insurance Limited hallset lil GasanMamo Insurance Limited dan l-ammont kollu ta’ disa mija tnejn u hamsin euro tnejn u sebghin ċenteżmi (952.72 euro) u wara kienet talbet il-hlas tal-ispejjes fl-ammont ta’ erba mija u eruo hamsa u disghin ċenteżmi (401.95 euro) minghand l-intimat Williams. Williams ma riedx ihallas xejn u Elmo Insurance Limited baghtet ittra uffiċjali fi 28 ta’ Dicembru 2011 ghal hlas ta’ dan l-ammont ta’ erba mija u eruo hamsa u disghin ċenteżmi (401.95 euro) li kienu l-ispejjes li gew inkorsi fid-decizjoni tal-Arbitragg Mandatarju fuq imsemmija li ghamlet GasanMamo Limited kontra Dunstan Williams (Arbitragg Mandatarju M2548/2010) (Dok D).

Ghaldaqstant, il-kumpanija rikorrenti qed titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal Ghal Talbiet Zghar (1) jiddikjara li l-assikurat taghha Dunstan Williams proprio et nomine hu responsabbli ghar-ragunijiet fuq imsemmija li jhallas dawn l-ispejjes tal-Arbitragg Mandatatrju M2548/2010 lil Elmo Insurance Limited li hallsitha hi kif fuq inghad. (2) tikkundanna lil Dunstan Williams proprio et nomine biex thallas minnufih lil Elmo Insurance Limited is-somma ta' erba mija u wiehed euro hamsa u disghin ċenteżmi (401.95 euro) – l-ispejjes inkorsi tort tieghu fl-Arbitragg Mandatarju fuq imsemmi kif ukoll il-vat dovut skond il-ligi fuq id-drittijiet legali.

Bl-ispejjes tal-prezenti proċeduri u tal-ittri uffiċjali tal-26 ta' Jannar 2011 u tal-28 ta' Dicembru 2011 u bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' dawn il-proceduri quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar".

Ra **r-risposta tal-intimati** minnhom mressqa fit-30 ta' April, 2013 u li permezz taghha huma rrispondew hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

"1. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

2. Illi meta sar l-arbitragg mandatarju l-intimat bhala assikurat tal-atturi halla f'idejn l-istess atturi sabiex huma jikkawtelaw l-interessi kemm taghhom kif ukoll tieghu.

3. Illi l-istess soċjetà attriċi kienet ġiet debitament notifikata permezz ta' ittra uffiċjali li kienu bdew il-proceduri tal-arbitragg nru M2548/10 u ghalhekk ai finijiet tal-artikolu applikabbli tal-Kap 104 huma kienu obbligati li jiddefendu lill-intimat (Artikolu 10).

4. Illi ghalhekk is-socjeta rikorrenti ma kellha ebda dritt li tinnotifika lill-intimat bl-ittra uffiċjali Dok B u b'hekk tippretendi li l-ispejjes legali jiġu mbaghad imhallsa mill-intimat.

5. Illi s-socjeta attriċi ghazlet li ma tintervjeniex fil-kawza u kien ghalhekk li l-gudikat/lodo fl-arbitragg ittiehed bl-intimat li baqa kontumaci.

Ghalhekk it-talbiet attriċi ghandhom jiġu riġettati bl-ispejjes".

Ra s-sentenza preliminari tieghu datata 31 ta' Ottubru, 2013;

Ra l-ahhar verbal datat 7 ta' Mejju, 2014 fejn it-Talba thalliet ghal lum ghas-sentenza.

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob minghand l-intimati l-hlas tas-somma ta' €401.95c, rappreżentanti dan l-ammont l-ispejjez legali (kompriża l-VAT) li kellha thallas bhala konsegwenza tal-proceduri fic-Centru Malti ta' l-Arbitragg fl-arbitragg numru M2548/10 fl-ismijiet GasanMamo Insurance Limited vs Dunstan Williams.

2. L-intimat da parti tieghu laqa' ghal dan billi qal li t-talbiet tas-socjeta rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Qal ukoll li meta sar l-arbitragg mandatarju l-intimat bhala assikurat tas-socjeta rikorrenti halla f'idejn l-istess soċjetà sabiex huma jikkawtelaw l-interessi kemm taghhom kif ukoll tieghu. Qal li s-socjeta rikorrenti kienet ġiet debitament notifikata permezz ta' ittra uffiċjali li kienu nbdew il-proceduri tal-arbitragg numru M2548/10 u ghalhekk ai finijiet tal-

artikolu 10 tal-Kap 104 huma kienu obbligati li jiddefenduh. Ghalhekk, ikompli jghid l-intimat is-socjeta rikorrenti ma kellha ebda dritt li tinnotifika lill-intimat bl-ittra uffiċjali Dok B u b'hekk tippretendi li l-ispejjes legali jiġu mbaghad imhallsa minnu. Ghalaq billi qal li s-socjeta rikorrenti ghazlet li ma tintervjeniex fil-kawza u kien ghalhekk li l-gudikat/lodo fl-arbitragg ittiehed bl-intimat li baqa kontumaci. Konsegwentement talab li t-talbiet tas-socjeta rikorrenti jiġu riġettati bl-ispejjes.

Ikkunsidra;

3. **George Stagna Navarro**, in rappreżentanza tas-socjeta rikorrenti qal li fil-21 ta' Ottubru, 2010 l-intimat kien irrifjuta li jiffirma fil-presenza ta' l-Avukat tieghu dokument sabiex isir arbitraġġ volontarju. Dan l-arbitragg kien jirrigwarda inċident awtomobilistiku u l-vetturi involuti kienu dik misjuqa mill-intimat bil-pjanca ta' reġistrazzjoni GBF-761 u vettura ohra bil-pjanca ta' reġistrazzjoni JON-165. Ix-xhud esebixxa kopja tal-*policy conditions* u ghamel referenza ghall-paragrafu numru 4(b) li jinsab f'pagna 17 ta' l-istess dokument u ghall-paragrafu 6(a)(b) u (d) li jinsabu f'pagni 17 u 18 ta' l-istess dokument. Dawn jaqraw hekk:

***Paragraph 4. Notification following an Accident:***

*(b) Every judicial notification or any other communication relating to a claim must be sent to us immediately. You or any person claiming indemnity under the Policy must also tell us if you or such persons know of any impending prosecution, inquest or inquiry involving anyone insured by the Policy. No negotiation, compromise, admission or refusal of any claim must be entered into without our consent;*

**Paragraph 6. Claims Procedure:**

*We will be entitled to:*

*(a) take over and conduct in your own name or in the name of anyone else insured by the Policy, the defence or settlement of any claim;*

*(b) take proceedings at our own expense and for our own benefit, but in your name, or in the name of anyone else insured by the Policy, to recover any payment which we have made or may make under the Policy;*

*(d) expect full cooperation on any matter affecting this insurance from you and anyone else insured by the Policy.*

Qal li l-intimat qatt ma mar ghand is-socjeta rikorrenti sabiex jinfurmaha li kien hemm proċeduri ghaddejjin kontrih. Ix-xhud ghadda biex esebixxa l-korrispondenza u d-dokumentazzjoni kollha in konnessjoni ma' dan il-kaz.

In kontro-ezami qal li huwa ma jaf xejn personalment u l-fatti li xehed dwaru jafhom ghax kien qara l-*file* li ghandha s-socjeta rikorrenti. Iddiskuta wkoll il-kaz ma' l-addetti tas-socjeta rikorrenti.

4. **Jeffrey Crockford,** *claims manager* mas-socjeta rikorrenti qal li l-intimat kellhu polza tat-tip *third party*. Huwa kien involut f'incident nhar l-20 ta' Ottubru, 2009. Peress li l-kaz kien dubjuż, is-socjeta rikorrenti kienet ipproponiet lill-intimat li jiehdu l-kaz ghal arbitraġġ volontarju minghajr ma jitqabbad avukat. Dan sabiex ma jkunx hemm lok ta' appell u d-decizjoni ta' l-arbitru tkun wahda finali. L-insurance l-ohra u cioe GasanMamo Insurance Ltd kienet aċċettat li jsir arbitraġġ volontarju. L-intimat baqa qatt ma aċċetta biex il-kaz imur ghal arbitraġġ volontarju. L-intimat kien talab lis-socjeta rikorrenti sabiex tibghat kopja ta' dan il-ftehim sabiex ikun jista jurih lill-avukat tieghu u huwa kien irrisponda b'email ohra. Sussegwentement, huwa kien mar l-ufficju tas-socjeta

rikorrenti flimkien ma l-avukat tieghu fil-21 ta' Ottubru, 2009. Dak-in-nhar, is-socjeta rikorrenti regghet infurmatu bil-kwistjoni ta' l-arbitragg volontarju però huwa reggha irrifjuta li jiffirma dan il-ftehim. Peress li huma ma kienu semghu xejn minghand l-intimat, huma kienu baghtu "*... ittra uffiċjali lil intimat fejn infurmajnih li ma konniex ser inkunu responsabbli ghall-ispejjez legali li kien ser ikun hemm*" (fol. 54). Dwar is-sorte ma kienx hemm kwistjoni l-ghaliex dak dejjem kien ser jithallas.

Ix-xhud qal li s-socjeta GasanMamo Insurance Limited kienet baghtet ittra uffiċjali lil intimat. L-intimat baqa ma deherx ghal arbitraġġ mandatarju. Meta gie deċiż dan l-arbitragg, is-socjeta rikorrenti hallset is-sorte, l-ispejjez legali u l-interessi legali u bdiet il-proceduri sabiex tirkupra l-ispejjez legali fl-ammont ta' €401.95c. Peress li l-intimat baqa qatt ma hallas dan l-ammont allura kellhom jinbdew dawn il-proceduri.

In kontro-ezami, x-xhud qal li s-socjeta rikorrenti kienet taf li kien hemm proċeduri ta' arbitraġġ mandatorju kontra l-intimat u mistoqsi mit-Tribunal ghalfejn ma ntervjenietx fil-proceduri, huwa qal li "*... ahna ma kellnix ghalfejn nintervjenu, baghtna ittra legali u waqqafna hemmhekk. Ahna ma dehrilnix li kellna nintervjenu f'dan l-Arbitragg*" (fol. 54).

5. **Michael Risiott**, *motor claims handler* mas-socjeta rikorrenti qal li huwa kien preżenti meta l-intimat kien irrifjuta li jiffirma l-ftehim ghal arbitraġġ volontarju. X'kienet ir-raguni ghal dan huwa ma kienx jaf.

6. **L-intimat Dunstan Williams** qal li xi żmien ilu huwa kien involut f'incident awtomobilistiku. Qal ukoll li huwa kien kellem lil Michael Risiott mis-socjeta rikorrenti u wara li kien spjegalu x'kien gara, l-intimat qal li huwa kien gie nfurmat li ma kellhux ghalfejn ihallas l-*excess* u dan peress li kien hallas xi haġa żejda fil-*premium*. L-intimat ikompli jghid li dan Risiott kien qallu li malli jirċievu minghand il-*warden's* huma kienu ser imexxu u kull ma kellhom bżonn kienet kopja tal-licenzja tas-sewqan. Meta mar bil-licenzja, dan Michael Risiott kien

ghaddielu formola li diġà kienet mimlija biex jiffirmaha. Meta huwa kien staqsieh x'kienet din il-formola, jkompli jghid l-intimat, huwa gie nfurmat li din kienet neċessarja sabiex tkun tista ssir il-*claim*. Sussegwentement huwa kien irċieva ittra uffiċjali minghand is-socjeta rikorrenti ghal-liema ittra huwa kien wieġeb.

Ghar-rigward ta' l-Arbitragg mandatorju l-intimat qal li meta huwa kien irċieva d-dokumentazzjoni, huwa kien ghaddiehom lil Michael Risiott. B'referenza ghal fatt li huwa baqa ma deherx ghal dawn il-proceduri, l-intimat qal li "*... jiena ma xehedx u dan peress li qatt ma baghatu ghalija*" (fol. 78). Qal li huwa ppretenda li s-socjeta rikorrenti kellha tiehu hsieb dawn il-proceduri u li huwa kien ikun xhud taghha.

In kontro-ezami qal li ma kienx jaf jekk l-arbitragg mandatorju li kien sar kienx sar kontrih iżda żied ighid li "*... kull dokument li rċevejt jiena dejjem ghaddejthom jew lil Michael Risiott tas-socjeta rikorrenti jew lil avukat tieghi*" (fol. 78).

Ikkunsidra ulterjorment;

7. Mill-fatti u provi kif prodotti mill-partijiet jirrizulta li fl-20 ta' Ottubru, 2009 kien sehh inċident awtomobilistiku ġewwa l-Imsida bejn vettura bil-pjanca ta' reġistrazzjoni GBF-761 misjuqa mill-intimat odjern u dik bil-pjanca ta' reġistrazzjoni JON-165 misjuqa minn Anthony Aquilina.

8. Fis-27 ta' Settembru, 2010 is-socjeta assikuratrici ta' Anthony Aquilina u cioe GasanMamo Insurance Limited kienet baghtet ittra lis-socjeta rikorrenti, li hija s-socjeta assikuratrici ta' l-intimat odjern fejn annettiet maghha kopja tal-ftehim ta' arbitraġġ privat li kellhu jiġi ffirmat mill-intimat odjern (fol. 31). Jirrizulta ukoll li Anthony Aquilina kien iffirma dan il-ftehim però l-intimat baqa ma ffirmahx.

9. Fl-10 ta' Dicembru, 2010 GasanMamo Insurance Limited baghtet ittra uffiċjali lis-socjeta rikorrenti fejn wara li ghamlet referenza li kien sehh bejn l-assikurati taghhom fl-20 ta' Ottubru, 2009 infurmatha li "*.... kontestwalment ma' din l-*

*ittra uffiċjali gie preżentat Arbitragg fic-Centru Malti ta' l-Arbitragg kontra l-assikurat taghkom Dunstan Williams*" (fol. 81). Din l-ittra uffiċjali ġiet debitament notifikata lis-socjeta rikorrenti fit-18 ta' Dicembru, 2010 (fol. 82).

10. Fis-26 ta' Jannar, 2011 s-socjeta rikorrenti kienet baghtet ittra uffiċjali lill-intimati fejn avzathom li "... *ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi li hija ma tkunx responsabbli ghal hlas tal-ispejjes legali ta' dawk il-proceduri fil-kaz li dawn jiġu deċiżi kontra tieghek*" (fol. 4).

11. Fit-30 ta' Mejju, 2011 inghata l-lodo mill-arbitru Dr. Stefan Camilleri fl-arbitragg numru M2548/2010 fl-ismijiet GasanMamo Insurance Limited vs Dunstan Williams. Skond ma jirrizulta minn qari ta' din id-decizjoni, jirrizulta li l-intimat odjern baqa ma weġibx ghat-talba maghmula kontrih. Spicca biex din id-decizjoni inghatat kontrih u huwa wehel l-ispejjez ta' dawk il-proceduri. Dawn l-ispejjez kienu jammontaw ghal €401.95c. Dan huwa l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti f'dawn il-proceduri. Is-sorte ta' €519.61c thallas mis-socjeta rikorrenti u ma huwiex jiġi reklamat u dan peress li s-socjeta rikorrenti kienet obbligata li thallas dan l-ammont taht il-polza ta' l-assikurazzjoni li biha kien kopert l-intimat odjern.

12. Fit-28 ta' Dicembru, 2011 is-socjeta rikorrenti baghtet ittra uffiċjali lill-intimati fejn talbitu jhallasha l-ammont ta' l-ispejjez tal-proceduri ta' l-arbitragg u cioe l-ammont ta' €401.95c.

13. Meta Jeffrey Crockford, *claims manager* mas-socjeta rikorrenti gie mistoqsi jekk is-socjeta rikorrenti kienetx taf li kien hemm proċeduri ta' arbitraġġ mandatorju kontra l-intimat huwa wieġeb fl-affermattiv. Meta imbaghad gie mistoqsi mit-Tribunal ghalfejn ma ntervjenietx fil-proceduri, huwa qal li "... *ahna ma kellnix ghalfejn nintervjenu, baghtna ittra legali u waqqafna hemmhekk. Ahna ma dehrilnix li kellna nintervjenu f'dan l-Arbitragg*" (fol. 54). Hija l-fehma kunsidrata tat-Tribunal li dak li qal dan ix-xhud f'dan ir-rigward ma huwiex korrett. Dan ghaliex skond il-paragrafu sitta (6) tal-policy conditions tal-polza ta' l-assikurazzjoni ta' l-intimat, is-socjeta rikorrenti kienet intitolata sabiex:

*(a) take over and conduct in your own name or in the name of anyone else insured by the Policy, the defence or settlement of any claim;*

*(b) take proceedings at our own expense and for our own benefit, but in your name, or in the name of anyone else insured by the Policy, to recover any payment which we have made or may make under the Policy;*

....

*(d) expect full cooperation on any matter affecting this insurance from you and anyone else insured by the Policy.*

(ara paġna 18 ta' dan id-dokument)

14. Ghalhekk ġaladarba s-socjeta rikorrenti kienet taf li kien hemm proċeduri ghaddejjin fic-Centru Malti ta' l-Arbitragg, hija messha ghamlet dak li kienet obbligat ruhha li taghmel meta dahlet f'kuntratt ma' l-intimat meta dan ta' l-ahhar hareg il-polza ta' l-assikurazzjoni maghha u cioe tiddefendih. Il-fatt li huwa ma dahalx fit-tip ta' ftehim li riedet is-socjeta rikorrenti u cioe ftehim ta' arbitraġġ privat bl-ebda mod ma kien jaghti dritt lis-socjeta rikorrenti sabiex ma tiddefendiex lill-assikurat taghha. Dan kien obbligu fuqha u hija baqghet ma ghamlitux. Aktar u aktar meta hija kienet ġiet notifikata bl-ittra uffiċjali datat 10 ta' Dicembru, 2010. Ghalhekk issa ma tistax tippretendi li tirkupra l-flejjes ghal ispejjes ta' l-arbitragg li kienet taf bih u li baqghet ma ghamlet xejn sabiex tiddefendi l-interessi taghha u ta' l-assikurat taghha. Wara kollox, minn qari tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' l-artikoli relattivi, ghandu jirrizulta li s-socjeta rikorrenti kellha l-obbligu – dan anke mill-polza ta' l-assikurazzjoni minnha mahruga favur l-intimat – sabiex tiddefendi l-interessi tieghu (ara ex artikolu 10(1) u 10(2)(a) tal-Kap. 104).

15. L-argument tas-socjeta rikorrenti li l-intimat kien non kuranti fid-difiza tieghu ghar-rigward ta' l-arbitragg u baqa ma ppreżenta l-ebda risposta ghal arbitraġġ intavolat kontrih ukoll ma jreggiex. L-intimat f'dan ir-rigward qal li "*... kull dokument li rċevejt jiena dejjem ghaddejthom jew lil Michael Risiott tas-socjeta rikorrenti jew lil avukat tieghi*" (fol. 78). Qal ukoll li "*... jiena ma xehedx u dan peress li qatt ma baghatu ghalija*" (fol. 78). Dan peress, kompla jghid l-intimat, ghaliex pretenda li s-socjeta rikorrenti kellha tiehu hsieb dawn il-proceduri u li huwa kien ikun xhud taghha. Michael Risiott meta xehed baqa sieket fuq dan il-punt u s-socjeta rikorrenti ma stasietu xejn dwar dan il-fatt. F'kull kaz, it-

Tribunal ma ghandux ghalfejn jiddubita mix-xhieda moghtija mill-intimat f'dan ir-rigward.

16. Ghalhekk it-Tribunal ma huwiex ser jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jilqa l-eccezzjonijiet mressqa mill-intimati qieghed jichad it-talba tas-socjeta rikorrenti.

L-ispejjez huma kollha a kariku tas-socjeta rikorrenti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------